MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 63/2000/1

Citazzjoni numru 63/00

Dr Alfred Grech LL.D

vs

Maltacom plc u ghal kwalunkwe interess li jista' ikollu Peter Mifsud

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta:

Illi huwa sab il-linja tad-dar tieghu numru 553686 'disabled' fis-sens li jista' jircievi telefonati izda ma jistax icempel ghal barra;

Illi meta avvicina l-kumpanija konvenuta skopra li hemm ammont dovut li jwassal madwar tlett elef lira maltin (Lm3000);

Illi dan l-ammont huwa esagerat, huwa certament zbaljat li fi kwalunkwe kaz l-esponenti baqa’ sal-lum ma rceviex minghand il-kumpanija konvenuta kont dettaljat;

Illi meta avvicina lill-konvenut Peter Mifsud li huwa l-kap tal- “credit control” dan bl-arroganza kollha nforma lill-attur li jekk fi zmien ta’ mhux inqas minn gimgha ma jgibx tlett elef lira maltin (Lm3000) dan kien ser jaqtalu l-linji kollha;

Illi ghalhekk l-esponenti htieglu jistitwixxi mandat ta’ inibizzjoni, mandat numru 39/00 fl-ismijiet “Dottor Alfred Grech vs Maltacom plc et”;

Talab, ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tinibixxi lill-konvenuti milli jaqghtu l-linji tat-telefon f’isem l-attur u cjoe’ in-numri 556173, 555142 fl-ufficju legali 16, Capuchins Street, Victoria, Gozo, u 553686 u 565748 fil-fond ‘The Plough’, Dalelands Street, San Lawrenz;

2. li l-istess konvenuti jergghu jirrijabilitaw il-linja 553686 billi jsir possibbli li l-attur jittelefona minnha ghal barra;

3. tiddikjara li l-ammont pretiz mill-kumpanija konvenuta huwa ferm esagerat;

4. tikkundanna lill-konvenuti sabiex f’kull kaz jirrendu kont dettaljat u spjegat ta’ kull ammont pretiz;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, mandat numru 39/00, fl-ismijiet “Dottor Alfred Grech vs Maltacom plc et”.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. li hadd ma jista' jkun imharrek f'kawza kemm-il darba ma jkollux interess guridiku maghruf b'certezza lill-attur u ghalhekk il-konvenut Peter Mifsud ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-attur stess ma jafx x'interess jista' jkollu tant li giebu konvenut quddiem din l-Onorabbli Qorti semplicement ghall-kwalunkwe interess li jista' jkollu;

2. li fi kwalunkwe kaz l-eccipjent Peter Muscat personalment qatt ma kellu xi relazzjoni guridika mal-attur;

3. li mhux minnu li l-ammont pretiz mill-kumpanija konvenuta huwa esagerat;

4. li lanqas huwa minnu li l-kumpanija ma tatx kontijiet lill-attur;

5. li bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija intempestiva billi skond paragrafu 52(5) tat-Telephone Service Regulations 1972 is-subscriber li jidhirlu li gie ccargjat eccessivament ghandu l-jedd li jigi ttestjat il-meter tieghu basta l-ewwel ihallas il-parti mhux kontestata tal-kont – haga li l-attur naqas li jaghmel;

6. li, huwa c-Chairman tal-kumpanija, u mhux il-kumpanija bhala tali, li ghandu l-jedd jirrestringi jew jaqta' l-linji telefonici ta' abbonati li ma jhallsux tas-servizzi telefonici lilhom moghtija u ghalhekk il-Maltacom plc mhix il-legittimu kontradittur ghall-ewwel u t-tieni talba fic-citazzjoni;

7. li fi kwalunkwe kaz, il-kumpanija konvenuta ossija c-Chairman taghha ghandhom kull jedd li uniteralment jaqghtu il-linji skond kif provdut fil-paragrafi 52 u 53 tat-Telephone Service Regulations 1972.

8. li ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni msemmi fic-citazzjoni billi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

9. L-attur qieghed jigi ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

10. salvi eccezzjonijeit ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ikkunidrat
:
Il-vertenza illum tirrigwarda l-kap tal-ispejjez stante li l-kontendenti, kif jirrizulta mill-ahhar verbal, iddikjaraw li l-meritu tal-kawza kien jinsab ezawrit.

Trattat dan il-kap, il-Qorti ghandha biss d-dikjarazzjonijiet guramentati rispettivi tal-kontendenti, apparti l-premessi fic-citazzjoni u t-talbiet konsegwenzjali u l-eccezzjonjiet tal-konvenuti, fuq x'hiex tibbaza d-decizjoni taghha dwar dan il-kap tal-ispejjez.

Ezaminati l-istess l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-ispejjez ghandu jbatihom l-attur u dana ghas-segwenti ragunijiet:

- li l-ewwel domanda hija guridikament improponibbli stante illi inibizzjoni generali kif mitluba ma tistax tigi akkolta;

- li l-attur ma jikkontestax li xi ammont hu dovut. Sostna li kien esagerat tant li l-ahhar talba tieghu hija sabiex il-konvenuti jipprovdu kont dettaljat. Dwar dan il-kont il-konvenuti, jew ahjar is-socjeta' Maltacom, iddikjarat li l-kontijiet gew provduti lill-attur. Din l-asserzjoni ma gietx kontradetta ghalkemm il-Qorti tifhem li b'kontijiet 'dettaljati u spjegattivi' l-attur ried ifisser 'itemised bill'. Kien pero' jispetta lilu juri li l-kont kien esagerat li, f'kull kaz, lanqas ma kien jeskludi lis-socjeta' konvenuta jew ic-Chairman taghha li jordna d-diskontinwita' tal-linji telefonici pendenti pagamenti dovuti fuq l-istess linji li kienu arretrati u mhux imhalsa kif provdut mir-regolamenti relattivi.

Illi lanqas ma jidhru gustifikati t-talbiet ta' l-attur fil-konfront ta' Peter Mifsud citat "ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu" stante li dan l-interess ma jirrizultax u f'kwalsiasi kaz, kif eccepit fl-eccezzjonijiet, m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn dan il-konvenut u l-attur.

Ghaldaqstant, fil-waqt li tiddikjara procediment ezawrit ghal dak li hu l-meritu tal-kawza, tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez li dawn ghandhom ikunu ghak-karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------